MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 13/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Manuel Cachia**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Manuel Cachia talli:

(1) fl-24 ta’ Awwissu 2006 f’xi hin wara nofs inhar mill-banka tal-lottu bin-numru 46 sitwata fi Triq is-Satwarju, Haz Zabbar, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u kwantita` ta’ biljetti ‘scratch & win’ ghad-dannu ta’ Stephanie Bonavia, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (LM1,000);

(2) fl-istess data u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(3) fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hsejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Stephanie Bonavia, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500);

(4) fl-istess data u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza tal-20 ta’ Gunju 2006 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta);

(5) sar recidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Manuel Cachia hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, izda sabitu hati ta’ l-ewwel, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 278(1)(2) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-piena ta’ sena prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Manuel Cachia pprezentat fid-19 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma giex misjub hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u li ghalhekk gie minnhom liberat, u billi thassarha fil-kumplament billi ssibu mhux hati ta’ l-ewwel, u konsegwentement mhux hati tar-raba’ u tal-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tilliberah minn kull htija u piena, u fin-nuqqas li taghti sentenza li tkun taghmel aktar ghall-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li r-rapport ta' P.S. 1336 Jesmond Micallef u P.C. 94 Jack Farrugia m'ghandux valur fil-ligi peress illi f'dak ir-rapport huma taw l-opinjoni taghhom bhala membri tal-Korp tal-Pulizija u mhux bhala esperti mqabbda mill-Magistrat Inkwirenti; (2) li ma saret l-ebda prova dwar il-konservazzjoni u dwar il-*"continuance of the chain of evidence"* ta' l-impronti digitali allegatament misjuba fil-Banka tal-Lottu; (3) li l-provi li tressqu dwar l-allegat serq huma kollha *hearsay evidence*; (4) sussidjarjament, li l-piena hi wahda gravuza ferm.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid li fir-rapport taghhom P.S. 1336 Jesmond Micallef u P.C. 94 Jack Farrugia taw l-opinjoni taghhom bhala membri tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk l-opinjoni taghhom mhijiex wahda li l-Qorti setghet tistrieh fuqha. L-appellant jilmenta wkoll li ma saret l-ebda prova dwar il-*"continuance of the chain of evidence"* skond il-ligi ta' l-impronti digitali allegatament misjuba fil-Banka tal-Lottu. Jghid ukoll illi l-Pulizija kellha f'idejha l-impronti digitali ta' l-appellant li hu stess kien ta meta gie mitlub biex jaghmel dan. Jghid: "Illi apparti l-fatt li opinjoni ta' xhud mhux imqabbad mill-Qorti bhala espert ma tiswiex bhala prova, il-fatti hawn fuq imsemmija ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-prova dwar l-impronti digitali allegatament misjuba fil-Banka tal-Lottu joholqu dubju serju u ragjonevoli dwar l-awtenticita` ta' l-istess impronti digitali allegatament migbura mill-Pulizija investigattiva."

**7.** Issa, hi ormai gurisprudenza stabbilita li esperti li huma ufficjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali.[1] U fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Awissu 1991 ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23

---

[1] Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1998.

ta’ Jannar 1992 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Longinu Aquilina** (Vol. LXXVI.i.23) intqal:

**“L-ewwel kwezit fir-riferenza hu “Jekk l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija setghux jigu nominati mill-Magistrat Inkwerenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat”. Ir-risposta hi fl-affermattiv, salv ir-rakkomandazzjoni generali li saret aktar ’il fuq, fuq l-opportunita` li f’kull stadju tal-procedura, kemm jista’ jkun jigu nominati mill-Qrati, biex jghinuhom, persuni li ma humiex ufficjali tal-Pulizija. Hu car li sa dak il-mument il-marki tas-swaba ghadhom bla paternita` u ma jistghux jitqiesu li jirreferu ghal xi persuna partikolari. Anki jekk ma jistax jigi eskluz illi xi marka tkun ta’ persuna li eventwalment tista’ tigi indizjata bhala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkuzata li kkommettietu. Dawn il-marki fil-fatt f’dan l-istadju jistghu jigu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta’ l-indagini. L-awtenticita` ta’ l-operat tal-Pulizija , u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soggetta ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-procedura, konsegwenzjali ghall-indagini rikjesta. L-opportunita` f’dan l-istadju ghan-nomina ta’ persuni li ma jkunux ufficjali tal-Pulizija tirrizulta ghalhekk mill-interess generali tal-gustizzja u l-amministrazzjoni taghha u mhux mill-interess partikolari ta’ xi cittadin u l-protezzjoni tad-dritttijiet fundamentali tieghu”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**8.** Tajjeb li ssir referenza wkoll ghad-decizjoni parzjali moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta’ Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta’ l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

**“Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State’s executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the**

**Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**9.** Fil-kaz in ezami jirrizulta illi fl-24 ta' Awissu 2006 gie rapportat sgass fil-Banka tal-Lottu li jinsab 46 Triq is-Santwarju, Zabbar. L-Ispettur Alexander Grech ma nfurmax lill-Magistrat Inkwerenti peress illi gie nfurmat minn P.S. 76 Carmel Cassar "li s-serq ma kienx kbir u kien hemm bhal sgass mal-genb".[2] Huwa pero` hass il-htiega li jgib is-*scene of crime officers* biex jaghmlu x-xoghol mehtieg. Effettivament accedew fuq il-post P.S. 1336 Jesmond Micallef u P.C. 94 Jack Farrugia li hejjew rapport dwar l-operat taghhom. Huma kkonfermaw il-kontenut ta' dan ir-rapport bil-gurament meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti.[3] Din il-Qorti ezaminat dan ir-rapport. F'dan ir-rapport, minbarra zewg osservazzjonijiet dwar li "kien hemm xi oggetti li allegatament inhargu minn gewwa l-banka tal-lottu" u li gie "allegat li kienu naqsu xi

2 A fol. 96.
3 A fol. 45 – 46 u 70.

flus kif ukoll xi sigaretti", kif ukoll kumment dwar parti minn ingwanta "li kienet estraneja ghall-fond", u liema osservazzjonijiet u kumment ma jikkostitwixu ebda prova la favur u lanqas kontra l-appellant, ir-rapport bazikament jikkontjeni deskrizzjoni fattwali ta' dak osservat minnhom fuq ix-xena tad-delitt u tax-xoghol li huma wettqu fuq il-post. Mar-rapport fil-fatt huma esebew *lifters* ta' xi impronti li nstabu minn P.S. 1336 u ritratti li ttiehdu minn P.C. 94. Fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, m'hemm l-ebda dubju li dan huwa xoghol li setghu jwettqu liberament nonostante illi ma kinux nominati minn Magistrat Inkwirenti.

**10.** Kwantu ghall-*continuity of the chain of evidence*, dak li jirrizulta lil din l-Qorti hu li l-impronti gew elevati minn P.S. 1336 Jesmond Micallef, dokumentati minnu u sussegwentement esebiti quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant jipprova johloq dubju dwar l-awtenticita` tal-lifters ghax meta huwa kien arrestat huwa, volontarjament, ta l-impronti tieghu lill-Pulizija. Jirrizulta li dawn hadhom P.C. 94 u gew anke esebiti f'dawn il-proceduri.[4] Dan ukoll huwa parti mill-process investigattiv, ghax permezz ta' hekk il-Pulizija setghu jikkomparaw dawn l-impronti ma' l-impronti misjuba fuq ix-xena tad-delitt. U kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Frendo** deciz fit-30 ta' Dicembru 2004:

**"Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, P.C. 956 Caruana ha l-impronti digitali u palmari ta' Frendo <u>qabel</u> ma kien gie hekk nominat, dan ma jfissirx li dawk l-impronti ma jistghux jintuzaw, fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-imputat, ghall-fini ta' komparazzjoni. Ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi li l-pulizija jitolbu l-impronti digitali u palmari ta' persuni li jkunu qed jigu minnhom investigati. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 554 tal-Kodici Kriminali (introdott bl-Att XXIX tal-1990) kien intiz mhux biex jawtorizza lill-pulizija li jiksbu l-impronti ta' persuni suspettati meta dawn ta' l-ahhar jaghzlu li jaghtu dawn l-impronti, izda biex fil-kaz fejn persuna suspettata tirrifjuta li taghti**

[4] Dok. 10 a fol. 85.

**dawn l-impronti il-Magistrat ikun jista' jordna li dawn jittiehdu anke kontra l-volonta` tas-suspettat."**

**10.** Mill-provi ma jirrizultax li l-appellant irrifjuta li jaghti l-impronti tieghu lill-Pulizija. Ma jirrizultax lanqas xi nuqqas fil-kontinwita` tac-*chain of evidence*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ipprova biss johloq dubju dwar l-operat tal-Pulizija izda ***"[he] did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."***

**11.** Stabbilit dan kollu, u galadarba m'hemm l-ebda lment dwar l-operat ta' Ivan Portelli, il-konkluzjonijiet minnu raggunti jibqghu validi, u cioe` li fid-Dok. 06CJH301 (wiehed mil-*lifters* elevati minn fuq ix-xena tad-delitt) kien hemm impronti li gew identifikati mas-saba' l-werrej u s-saba' tan-nofs ta' l-id il-leminija ta' l-appellant, filwaqt illi fid-Dok. 06CJH304 (*lifter* iehor elevat minn fuq ix-xena tad-delitt) kien hemm impronta li giet identifikata mas-saba' tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellant. Dawn l-impronti nstabu fuq il-qiegh tat-*tray* tal-*cash register* (ara ritratt 06 CJH 115). Issa, meta l-appellant gie interrogat mill-Pulizija, huwa cahad li kellu x'jaqsam mal-kaz in kwistjoni. Pero` cahad ukoll li qatt dahal gol-Banka tal-Lottu in kwistjoni u cahad li qatt kellu x'jaqsam b'xi mod li jkun ma' dik il-Banka. Permezz ta' dawn ic-cahdiet l-appellant ipprova jiddistanzja lilu nnifsu mil-lok tad-delitt. Dawn ic-cahdiet jikkontradicu s-sejbien ta' impronti tas-swaba' tieghu fuq il-qiegh tal-kexxun tal-*cash register* li nstab gewwa l-Banka tal-Lottu. U dawn l-impronti jikkostitwixxu indizju inekwivoku illi jorbtu l-appellant direttament mal-lok tad-delitt.[5] Inoltre l-appellant b'ebda mod ma spjega il-prezenza taghhom fil-Banka tal-Lottu.[6] Ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda spjegazzjoni ghall-prezenza ta' dawn l-impronti fejn insabu jekk mhux ghax dak il-kexxun intmiss mill-appellant meta dahal fil-Banka tal-Lottu.

---

[5] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Zahra**, 30 ta' April 2008.
[6] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Vincent Calleja**, 7 ta' Marzu 2002.

**12.** Aggravju iehor ta’ l-appellant hu li l-provi li tressqu dwar l-allegat serq huma kollha *hearsay*. Hawn l-appellant ghandu ragun. Fil-fatt gie esebit rapport tal-Pulizija li jghid li certa Stephanie Bonavia rrapportat li nsterqu biljetti ta’ l-i*scratchers* tal-valur ta’ Lm135 u Lm150 fi flus kontanti, oltre hsara fil-magna tas-sigaretti. Issa, meta xehdet Stephanie Bonavia hija qalet biss li kienet ghalqet il-Banka f’xil-10.30 a.m./11.00 a.m. Imbaghad dahlet l-impjegata l-ohra, Margaret Mifsud, li cemplitilha biex tghidilha x’kien gara u marret fuq il-post. Margaret Mifsud xehdet li fethet il-Banka bhas-soltu fl-3.55 p.m. u sabet il-magna tas-sigaretti maqluba u cangun maqlugh mill-hajt divizorju. Telqet tigri ’l barra u cemplet lil sidt il-Banka, Therese Bonavia. Effettivament fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2008 jirrizulta li giet prodotta Therese Desira (mhux Bonavia) li nfurmat lill-Qorti li kienet sidt il-Banka tal-Lottu izda li ma kienet taf xejn dwar il-kaz. Jigifieri, kif korrettement jghid l-appellant, m’hemm l-ebda prova diretta ta’ x’insteraq jew jekk insteraqx xi haga mill-post ghax hadd mill-vittmi koncernati ma kkonferma dak li l-Pulizija qalu li gie rapportat lilhom.

**13.** Mill-banda l-ohra, anke jekk stess m’hemmx prova ta’ x’seta’ nsteraq, hemm provi indizjarji sufficjenti li juru li l-isgass sar bi skop ta’ serq: il-magna tas-sigaretti maqluba u sgassata, il-kexxun tal-*cash register* maqlugh minn postu, it-taqlib. Dan kollu jidher car mir-ritratti esebiti u mid-deskrizzjoni moghtija minn P.S. 1336 Jesmond Micallef u P.C. 94 Jack Farrugia. Oggetti mobili x’jinsterqu kien hemm fil-fond imsemmi. Ghalhekk, fl-assenza ta’ prova diretta ta’ oggetti attwalment misruqa, wiehed jista’ jitkellem dwar tentattiv ta’ serq li huwa kkwalifikat bil-mezz biss stante li ma gie stabbilit ebda valur ta’ oggetti li setghu jinsterqu. U in vista ta’ dak osservat fir-ritratti tax-xena tad-delitt, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa applikabbli l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali.

**14.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jilmenta dwar id-dewmien sabiex jitressaq il-Qorti u sakemm giet deciza l-kawza. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-process jirrizulta illi filwaqt illi r-reat in kwistjoni

sehh fl-24 ta' Awissu 2006, il-kawza giet registrata bhala kumpilazzjoni ftit aktar minn erba' xhur wara biss, fit-28 ta' Dicembru 2006 u l-ewwel seduta nzammet fid-9 ta' Mejju 2007. Huwa minnu li din il-kawza ma kellhiex hafna xhieda, izda kien hemm numru ta' seduti li gew differiti minhabba cirkostanzi differenti. Hekk kien hemm seduta differita ghax l-ufficjal prosekutur kien indispost (10 ta' April 2007), sitt seduti differiti ghax il-Qorti kienet okkupata fuq xoghol ta' natura urgenti (27 ta' Gunju 2007, 12 ta' Novembru 2007, 10 ta' Dicembru 2007, 28 ta' April 2008, 12 ta' Marzu 2010, 25 ta' Mejju 2010), seduta differita ghax ma deher hadd (20 ta' Lulju 2007) filwaqt li ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 2008 fejn dehret Therese Desira, la deher l-ufficjal prosekutur u lanqas l-appellant (allura imputat). Imbaghad ghas-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2008 il-Qorti giet infurmata li "x-xhieda hija ndisposta", u fis-seduti tas-17 ta' April 2009 u tal-11 ta' Jannar 2010 ma sar xejn. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi varji, din il-Qorti ma tara li ghandu jkun hemm ebda tnaqqis ta' piena ghar-ragunijiet pretizi mill-appellant. Mill-banda l-ohra sejjer ikun hemm temperament fil-piena in vista tal-fatt li l-appellant sejjer jigi dikjarat hati ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat bil-mezz.

**15.** Din il-Qorti nnutat ukoll illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe` talli kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta skond sentenza datata 20 ta' Gunju 2006 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Issa, mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta – u din sfuggiet lid-difiza – illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Dicembru 2006 dik il-Qorti diga' ttrattat mieghu ghal tali ksur. Ghalhekk l-ewwel Qorti (evidentement ghax ma kellhiex fedina penali aggornata quddiemha) ma setghetx terga' tittratta mieghu ghal dak il-ksur. Kwindi hawn ukoll irid ikun hemm temperament fil-piena.

**16.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, (1) tirrevokaha in kwantu sabitu hati talli fl-24 ta' Awwissu 2006 f'xi hin wara nofs inhar mill-Banka tal-Lottu bin-numru 46 sitwata fi Triq is-Santwarju, Haz Zabbar,

ikkommetta serq ta' flus kontanti u kwantita` ta' biljetti 'scratch & win' ghad-dannu ta' Stephanie Bonavia, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (LM1,000), u minflok issibu hati talli fl-24 ta' Awissu 2006 f'xi hin wara nofs inhar mill-Banka tal-Lottu bin-numru 46 sitwata fi Triq is-Santwarju, Haz Zabbar, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe` serq ta' oggetti mobili ghad-dannu ta' Stephanie Bonavia, ikkwalifikat bil-mezz u li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) tirrevokaha in kwantu sabitu hati tar-raba' imputazzjoni u minflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta dik l-imputazzjoni; (3) tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal sena prigunerija u minflok, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), 264(1), 278(1), 49, u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------